**31. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ambjent l-Onor. George Vella, jipproponi:**

Wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ra l-Ombudsplan ippreżentat mill-Ombudsman għas-sena 1996/97 li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 1996;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Ombudsman personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret fis-17 ta' Diċembru, 1996;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri kollha tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra;

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-Ombudsplan kif preżentat.

14.01.97